**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta' Lulju, 2019**

Rikors Numru: 132/19 AL

**A B u C B**

vs

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li permezz tiegħui ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti żżewwġu nhar is-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) fil-Paroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, skond ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi r-rikorrenti minn dan iż-żwieġ kellhom tifel ossia, D li twieled fl-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) liema ċertifikat tat-twelid huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok B';

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mid-disgħa u għoxrin (29) t' Awissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) b' kuntratt

redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono illi huwa hawn anness u mmarkat bħala Dok Ċ;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin  u saħansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni oħra.

5. Illi r-rikorrenti C B tirċievi mingħand ir-rikorrenti A B il-manteniment adegwat għal binhom D B fl-ammont ta’ mija sitta u tmenin ewro punt tlieta ħamsa Ewro (€186.35), hekk kif stipulat fil-kuntratt redatt min-Nutar Dottor Joseph Debono hawn anness u mmarkat bħala ‘Dok. Ċ’;

6. Illi r-rikorrenti C B tixtieq illi żżid kunjom xbubitha li kien “E” wara l-kunjom tagħha fiż-żwieġ li huwa “B” biex b’hekk kunjomha issa jsir “E”;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbu lil-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku kif ukoll sabiex Amanda Magro tkun reġistrata bħala “E”;

   Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

   Rat in-nota ta’ C B tal-11 ta’ Gunju, 2019 li permezz taghha tirrileva illi kellha ripensament u minflok tibdel kunjomha ghal “B E” kif indikat fir-rikors fuq imsemmi, hija tixtieq illi tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe` “E”;

   Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Marzu, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex zwieġ jigi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mid-disgħa u għoxrin (29) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tilqa` ukoll it-talba tal-intimata biex izzomm kunjom xbubitha u cioe` "E" u dan bi qbil mar-rikorrenti A B u ghalhekk tordna li kunjomha jiġi reġistrat bħala "E" ;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.